FONTANA

Minuti tas-sitt laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret b`urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tnejn, 8 t`Awwissu 2005 fl-4.30 ta` wara nofsinhar.

| **Preżenti:** | **Membri** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi-Sindku | Is-Sur Victor Cefai |
| | Is-Sur Lorry Apap |
| | Is-Sur Anthony Cassar |
| | Is-Sinjura Maria Schembri |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Is-Sinjura Josianne Cassar |

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet it-talba.

<u>Riżoluzzjoni Speċjali</u>

Is-Sindku spjega għalfejn saret din il-laqgħa. Huwa ġie avviċinat fl-4 t`Awwissu 2005 mill-Kunsillier Lorry Apap fejn talbu sabiex issir laqgħa b`urġenza biex tkun tista` titressaq riżoluzzjoni speċjali. Is-Sindku nfurmah illi din ir-riżoluzzjoni tista` titressaq fil-laqgħa li jmiss. L-għada, 5 t`Awwissu 2005 il-Kunsillier Lorry Apap flimkien mal-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Anthony Cassar għamlu talba bil-miktub sabiex skond id-dispożizzjoni ta` l-Artiklu 29A ta` l-Att prinċipali dwar il-Kunsilli Lokali Kap 363 issir il-laqgħa qabel il-laqgħa li hemm appuntata mal-Kummissarju ta` l-Artijiet. Għaldaqstant is-Sindku appunta din il-laqgħa.

Il-Kunsillier Lorry Apap ressaq ir-riżoluzzjoni speċjali bis-sekondant tagħha l-Kunsillier Anthony Cassar. Il-Kunsillier Lorry Apap qara din ir-riżoluzzjoni. Il-Kunsillier Anthony Cassar staqsa lill-Kunsillier Lorry Apap jekk huwa bħala sekondant għandux konflitt t`interess. Is-Sindku qal illi huwa kien ser jistaqsi wkoll lill-Kunsillier Anthony Cassar jekk għandux konflitt t`interess. Il-Kunsillier Lorry Apap staqsa jekk il-Kunsilliera Maria Schembri għandhiex interess. Il-Kunsilliera Anthony Cassar u Maria Schembri ser jieħdu parir legali jekk għandhomx konflitt t`interess f`dan is-suġġett.

Il-Kunsillier Lorry Apap talab lill-Kunsill sabiex jittieħed vot fuq din ir-riżoluzzjoni. Is-Sindku qal illi huwa jiddeċiedi meta dawn il-Kunsilliera jiddikjaraw għandhomx interess jew le u jekk ir-riżoluzzjoni tistax tkun sekondata mill-Kunsillier Anthony Cassar. Għaldaqstant ġie deċiż illi ssir laqgħa oħra fi żmien ġimgħa sabiex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjoni.

Il-laqgħa spiċċat fis-5.50 ta` filgħaxija u ġiet aġġornata għall-kontinwazzjoni tagħha għal nhar it-Tlieta, 16 t` Awwissu 2005 fl-4.30 ta` wara nofsinhar.

Josianne Cassar
Segretarju Eżekuttiv

Saviour Borg
Sindku